MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2023

Appell Inferjuri Numru 100/2011 LM

**Il Re del Pesce Limited (C 13304)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà rikorrenti **Il Re del Pesce Limited (C 13304)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] mid-deċiżjoni mogħtija fis-17 ta' Ottubru, 2019, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], li permezz tagħha ddeċieda r-rikors tagħha fil-konfront tal-intimat **il-Kummissarju**

**tat-Taxxi Interni** [minn issa 'l quddiem 'il-Kummissarju appellat'] billi ċaħad l-appell interpost mil-Likwidazzjoni ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tagħha mill-Kummissarju appellat għas-sena ta' stima 2000 u kkonferma l-istess, bl-ispejjeż kontra s-soċjetà appellanta.

## Fatti

2. Il-fatti tal-appell odjern huma s-segwenti. Fit-13 ta' Frar, 2006 il-Kummissarju appellat ħareġ Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2000 fil-konfront tas-soċjetà appellanta u li permezz tagħha huwa talab il-ħlas tas-somma komplessiva ta' Lm145,714.00 ekwivalenti għal €339,422.31, rappreżentanti taxxa, taxxa addizzjonali u mgħaxijiet. Is-soċjetà appellanta ippreżentat oġġezzjoni fir-rigward ta' dik il-Likwidazzjoni ta' Taxxa permezz ta' Avviż ta' Oġġezzjoni tad-19 ta' Awwissu, 2006, liema oġġezzjoni ġiet miċħuda fit-28 ta' Mejju, 2008. Imbagħad fl-10 ta' Mejju, 2008, l-istess Kummissarju appellat ħareġ fil-konfront tagħha Likwidazzjoni ta' Taxxa (Rifjut) għas-sena ta' stima 2000, fejn eżiga l-ħlas tas-somma komplessiva ta' Lm157,112.20 ekwivalenti għal €365,973.00, rappreżentanti taxxa, taxxa addizzjonali u mgħax.

## Mertu

3. Is-soċjetà appellanta istitwiet proċeduri quddiem it-Tribunal permezz tal-preżentata ta' rikors fis-27 ta' Ġunju, 2008, fejn talbet lill-imsemmi Tribunal sabiex jikkanċella dik il-Likwidazzjoni ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tagħha.

4. Il-Kummissarju appellat wieġeb billi oppona għall-appell tas-soċjetà appellanta u talab li l-appell tagħha jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra tagħha, filwaqt li sostna li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa in kwistjoni kienet ġusta u timmerita konferma.

**Is-Sentenza Appellata**

5. It-Tribunal wasal għas-sentenza appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

> ***Ikkonsidra:***
>
> *In forza ta' Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2000 (fn. 17 Dok. "MB15" a fol. 566 sa' 568 tal-proċess) maħruġa fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti fit-13 ta' Frar 2006, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni esiġa ħlas tas-somma komplessiva ta' Lm145,714, illum ekwivalenti għal €339,422.31, rappreżentanti taxxa, taxxa addizzjonali w imgħaxijiet. Is-soċjetà Rikorrenti oġġezzjonat għal din il-Likwidazzjoni ta' Taxxa permezz ta' Avviż ta' Oġġezzjoni datat 19 ta' Awwissu 2006 (fn. 18 Dok. "MB16" a fol. 569 sa' 571 tal-proċess) stante* li l-ammont li qiegħed niġi mitlub imħallas jiena ma qlajtux. Dan huwa l-qligħ *(kif indikat fl-Avviż ta' Oġġezzjoni - Lm3,367, illum ekwivalenti għal €7,843*) li jiena għamilt kif qed jiġi aġġustat. *L-oġġezzjoni tas-soċjetà Rikorrenti ġiet miċħuda b'Deċiżjoni ta' Rifjut ta' Oġġezzjoni datata 28 ta' Mejju 2008 (fn. 19 Dok. "MB19"a fol. 577 tal-proċess) stante li d-direttur tal-kumpannija ma żammx l-appuntament mat-Tax Compliance Review* Officer kif kien mitlub biex tiġi diskussa l-oġġezzjoni. *Fl-10 ta' Mejju 2008 il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ħareġ fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti Likwidazzjoni ta' Taxxa (Rifjut) għas-sena ta' stima 2000 (fn. 20 Dok. "MB20" a fol. 578 sa' 580 tal-proċess) permezz ta' liema jesiġi l-ħas tas-somma komplessiva ta'* ***€365,973*** *(ekwivalenti għal Lm157,112.20) rappreżentanti taxxa, taxxa addizzjonali w imgħax.*
>
> *Is-soċjetà Rikorrenti ħassitha aggravata bil-Likwidazzjoni ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tagħha għas-sena ta' stima 2000 u interponiet dan appell minnha. Hija titlob li l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa tiġi revokata a bażi tal-aggravju* li kienu saru inkontri mar-rappreżentanti tal-Kummissarju u l-appellanti kienet anke pproduċiet il-kotba tan-negozju. It-taxxa dovuta hija dik li tirriżulta mill-prospett tal-appellanti. *Il-*

*Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Kummissarju tat-Taxxi, jopponi għall-appell tas-soċjetà Rikorrenti mil-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2000 u jitlob li l-istess jiġi miċħud stante li għar-raġunijiet mogħtija fid-deċiżjoni tiegħu datata 28 ta' Mejju 2008, il-Likwidazzjoni ta' Taxxa għall-imsemmija sena ta' stima hija ġusta u timmerita konferma.*

*Mit-Tax Audit Report (fn. 21 Dok. "CG1" a fol. 28 sa' 50 tal-proċess) imħejji mit-Tax Compliance Unit, mix-xhieda ta' Jeffrey Borg u Dion Borg, dak iż-żmien uffiċjali tat-Tax Compliance Unit li kienu inkarigati mit-*tax audit *fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti, u mill-affidavit ta' Marco Borg, rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, jirriżulta li t-*tax audit *fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti skatta peress li l-istess soċjetà naqset milli tissottometti l-prospetti tat-taxxa tagħha għas-snin ta' stima 2002, 2003 u 2004. Minħabba nuqqas ta' kooperazzjoni da parte tad-Direttur tas-soċjetà Rikorrenti, Michael Cauchi, li ma ipproduċiex id-dokumentazzjoni kollha mitluba minnu, l-uffiċjali tat-Tax Compliance Unit kellhom jibbażaw it-*tax audit *tagħhom fuq informazzjoni ottenuta mingħand terzi persuni, senjatament mill-fornituri tas-soċjetà Rikorrenti tal-inbid u l-*hot towels.

*Fir-rigward fit-Tax Audit Report jingħad* a general tax audit of XXX … was carried out. This taxpayer was referred by the Inland Revenue Department, apparently since the company failed to file the income tax returns for basis year 2002, 2003 and 2004. In fact to date these are still outstanding and no corresponding audited accounts have been filed at the Registrar of Companies. The tax audit covers basis years 1999, 2000 and 2001. Due to the company's failure to submit supporting documentation and information, the audit had to rely on third parties' evidence - primarily audit trail from suppliers - in order to conduct and finalise the tax audit.

*Dwar il-mod kif ġie esegwit dan it-tax audit fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti, fit-Tax Audit Report jingħad illi:* considering the limited documentation and information submitted by the company, the audit could not be appropriately conducted solely on the basis of the company's records and the discussions held with Mr. Cauchi. In fact during our preliminary meeting Mr. Cauchi stated that purchases, especially where fish was concerned, were made directly from fishermen on a 'cash basis' and were not supported by receipts or any documentation. Thus we were not in a position to determine the purchases of fish, by weight, effected during the period under review. Being a restaurant specialising mainly in fish, the lack of documentation of fish purchases limited significantly our ability to arrive at the restaurant food sales from this source. Furthermore, the limited documentation provided by the company related only to the basis year 2000 and some months from basis year 2001. It is pertinent to point out that this was far from complete when compared to the list of

documentation and information requested from the company. In view of the lack of cooperation, documentation and information provided by the company we had to adopt and conduct alternative procedures in order to test the completeness and accuracy of the declared sales and profits. The audit methodology adopted consisted of extrapolating the restaurant's turnover on the basis of wine purchases and towels used, as such information could be traced and collated from independent parties' records. The results from such audit trails and analysis thereof, would approximate the number of covers and having established the average bill per customer, sales would be extrapolated and compared with the company's declarations. *(fn. 22 Fol. 34 tal-proċess)*

**Sales projections based on wine purchases. Audit trail of wine purchases** - The audit trail exercise entailed a review of the purchase invoices provided by the company and identifying the restaurant's wine suppliers. The main wine suppliers were identified, and details of quantities of wine bottles purchased by the restaurant during the period under review, were collated. With respect to the remaining suppliers, we established the details of quantities of wine purchased by the restaurant, directly from the purchase invoices provided by the company for basis year 2000 and applied these for years 1999 to 2001. The quantities of wine purchased were used as a basis to evaluate the number of restaurant covers during the period under review. This test was based on a ratio of five covers (customers) for every two full bottles of wine purchased, and one cover for every half bottle purchased. These ratios are deemed adequately fair, especially when one considers that not all diners consume wine, and there will be instances where one bottle of wine is shared between more diners. Whilst such instances may be set off against wine used in cooking, an additional specific allowance was given for the latter. *Mill-eżerċizzju esegwit mill-uffiċjali tat-Tax Compliance Unit irriżulta li n-number of covers derivat għas-sena bażi 1999 (sena ta' stima 2000) kien ta' 22,634, liema ammont tnaqqas għal 20,866 wara li 50% mill-inbid San Paolo akkwistat mis-soċjetà Rikorrenti ġie kkunsidrat li kien jintuża esklussivament fl-ikel (fn. 23 Para. 2.1.1 tat-Tax Audit Report, fol. 34 sa' 38 tal-proċess)*

**Sales Projections based on hot towels usage. Audit trail of towels provided -** During the preliminary meeting, Mr. Cauchi confirmed that it was customary for restaurant guests to be provided with a hot towel at the end of their meal. Since the number of towels used correlates with the number of customers served, an audit trail was conducted whereby we requested from the supplier details of the towels provided to the restaurant during the period under review. Minn dan l-eżerċizzju rriżulta li tul is-sena bażi 1999 (sena ta' stima 2000) is-soċjetà Rikorrenti akkwistat 18,981 hot

towels. L-uffiċjali tat-Tax Compliance Unit ikkonċedew wastage ta' 5% biex waslu għall-figura ta' 18,032 hot towels utilizzati mis-soċjetà Rikorrenti. This resultant number of towels used, also after allowing for 5% unusable towels that may have been blemished before use, reasonably corroborates the number of covers extrapolated from wine purchases *(fn. 24 Para. 2.1.2 tat-Tax Audit Report fol. 38 u 39 tal-proċess)*

**Comparison of results obtained from 'wine test' and 'towels test'** …. For the company's benefit, the number of restaurant covers for the period under review was estimated based on the lower result obtained from the 'bottles of wine test' and 'towels test' for each of the years under review. **Average revenue per customer.** During the preliminary meeting copies of the restaurant menu were requested but Mr. Cauchi stated that he did not have any remaining copies available. In view of this, information on the internet was sought to identify an online menu of the restaurant. The relevant site identified was **www.foodforfun.com**. A review of the restaurant menu indicates that customers spent an average of Lm12.52, excluding VAT, for a three course meal at the restaurant during the period under review. Again this bill is very prudent since it assumes that a customer takes only one serving of beverage and that he/she takes one serving either of dessert, coffee or aperitif. Furthermore, the estimate of Lm1.80 per wine serving is below what it would cost a customer to consume a foreign bottle of wine at the restaurant. It is pertinent to point out that during the preliminary meeting, Mr. Cauchi stated that the average revenue per customer was between Lm14 and Lm15 (inclusive of 15% VAT) equivalent to between Lm12.17 and Lm13.04 (excluding 15% VAT). … *(fn. 25 P.ara. 2.3 u 2.4 tat-Tax Audit Report fol. 39 tal-proċess)*

**Summary of Audit Differences. Income Tax -** The results of our test shows that the taxpayer understated sales by Lm120,673 and Lm21,509 during the years 1999 and 2001 respectively. No under-declared sales were identified during year 2000. As explained in section 1.4, we believe that the VAT assessment issued during year 2000 played a major role in inducing the company to declare more realistic financial results for year 2000 and 2001. The understated turnover for year 2001 is less significant when compared to that of year 1999. *(fn. 26 Para. 3.1 tat-Tax Audit Report, fol. 42 tal-proċess)*

*Mit-Tax Audit Report, kif del resto kkonfermat minn Jeffrey Borg u Dion Borg, jirriżulta li fiż-żewġ tests esegwiti minnhom biex waslu għall-*under-declared sales *tas-soċjetà Rikorrenti għas-sena bażi 1999/sena ta' stima 2000, l-uffiċjali tat-Tax Compliance Unit applikaw għall-informazzjoni ottenuta mingħand il-fornituri tas-soċjetà żewġ assunzjonijiet ċentrali, ossia li 50% mill-inbid San Paolo kien jintuża esklussivament*

*għat-tisjir u li mill-*hot towels *akkwistati kien hemm 5%* wastage. *Is-soċjetà Rikorrenti però tikkontesta l-konklużjonijiet tal-uffiċjali tat-Tax Compliance Unit hekk ibbażati fuq dawn iż-żewġ assunzjonijiet in kwantu tikkontendi li l-inbid San Paolo **kollu, u mhux biss 50% minnu**, kien jintuża esklussivament għat-tisjir u li l-*wastage *tal-*hot towels ***kien ferm iktar minn 5%, b'dan ikun anke sa' 50% mill-*hot towels *akkwistati li effettivament imorru fuq l-irjus.***

*It-Tribunal josserva li huma ormai prinċipji ġuridiċi assodati in materja li:* (i) minn eżami ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 372 huwa bil-bosta evidenti illi l-Kummissarju għandu s-setgħa li jeżiġi li tingħatalu l-informazzjoni sħiħa, kompriż il-produzzjoni ta' kotba, dokumenti, kontijiet u prospetti (inklużi dikjarazzjonijiet u kotba tal-bank), kif hekk jinsab preskritt bl-Artikolu 14. Il-Liġi tippreċiża wkoll illi tali tagħrif u dokumenti għandhom jiġu provduti "fi żmien xieraq"; (ii) isegwi minn dan illi jekk it-taxpayer ma jipprovdix fiż-żmien opportun it-tagħrif rikjest biex jiġi stabbilit kif jixraq l-income tiegħu, il-Kummissarju għandu s-setgħa li jiddetermina hu fid-diskrezzjoni għaqlija tiegħu l-ammont ta' dak l-income; u (iii) il-Liġi ħalliet fl-ewwel stadju fid-diskrezzjoni tal-Kummissarju l-kwestjoni tal-apprezzament tal-provi, kompriż allura tat-tagħrif li kellu jkun disponibbli, biex fuqhom hu, imbagħad, ifassal il-ġudizzju tiegħu. Kieku l-appellanti ndenja ruħu li jipprovdi dak it-tagħrif u d-dettalji jkunu irriżultaw aċċettabbli ma kienx ikun hemm lok għad-diskrezzjoni, imma meta jonqos li jagħmel dan, jew id-dokumenti ma jkunux jitqiesu attendibbli, huwa inevitabbli li l-Kummissarju jsegwi l-metodu adoperat minnu u l-appellanti ma jistax allura jlum ħlief lilu innifsu *(fn. 27 A.B. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni, Rik. Nru. 5/04 deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-23 ta' Frar 2005, Decisions of the Court of Appeal, VOL. 5 pg. 488)*

*Huwa daqstant ieħor assodat illi n-norma dettata mill-Artikolu 35(3) (ossia li l-piż tal-prova illi l-istima li dwarha jsir l-ilment hija eċċessiva jkun tal-appellant)* issib sostenn fir-regola tradizzjonali illi min jallega jrid jipprova. Regola din li tesprimi l-esiġenza loġika li tgħabbi fuq spallejn minn jallega fatt - f'dan il-każ l-eċċessività tal-istima - id-dmir li jagħti prova sodisfaċenti, perswasiva u konkludenti tal-istess fatt. Huwa bil-wisq raġjonevoli illi l-kwalifika stess tal-prova bħala "piż" iġġib illi d-disimpenn tagħha titraduċi ruħha fi żvantaġġ għall-parti hekk mgħobbija b'dak il-piż. Dan anke għaliex in-nuqqas ta' prova tal-fatt allegat iħalli l-qagħda fi stat permanenti ta' inċertezza li ma tistax ħlief tissarraf f'dannu għal min hu hekk gravat li joffri ċ-ċertezza. Il-konsegwenza hi li una volta l-piż tal-prova jsir regola legali ta' ġudizzju, min hu msejjaħ biex jiġġudika jikkonsidra l-fatt dedott bħala li ma jikkorrispondix għas-sewwa - "non esse et non probari paria sunt". Kif intqal fid-deċiżjoni fl-ismijiet "Rosario Spiteri v. Michele Mifsud", Appell Kummerċjali, 30 ta' Ottubru 1953 (Kollez.

Vol. XXXVII PI p525) "in bażi tad-dritt probatorju, il-fatt għandu jkun suffiċjentement provat meta l-ġudikant ikun akkwista, bil-provi forniti fil-ġudizzju ċ-ċertezza morali tal-verità tal-fatt. Kif jgħid id-Domat "une preuve est tout ce qui persuade l-esprit d'une veritè." … il-mezzi ta' prova jappartjenu fil-każ ta' dokumentazzjoni għal dak il-katalogu prefissat mil-leġislatur għax-xorta ta' records "xierqa u suffiċjenti" fl-Artikolu 19 tal-Att. Issa anke jekk din il-Qorti lesta tikkonċedi illi x-xorta jew tipiċità ta' prova ma għandhiex neċessarjament u tassattivament tkun limitata għal dawk biss kompendjati fil-preċitat artikolu, b'danakollu r-riljiev l-aktar fundamentali jibqa' dak illi kwalsiasi tip ta' prova xort'oħra jeħtieġ li twassal dejjem għal liberu konvinċiment ta' min irid jiġġudika, intiż dan mhux biss bħala libertà ta' valutazzjoni tal-mezzi probatorji, ferm s'intendi l-vinkolu tal-prova legali fejn tokkorri, iżda wkoll bħala libertà tal-fonti tal-konvinċiment proprju … kif stabbilit fis-sentenza tal-Bord tal-Kummissarji Speċjali tal-14 ta' Settembru 1950, "meta t-taxpayer ma jistax jipproduċi dokumenti biex juri li t-taxxa likwidata hija eċċessiva … il-Bord ikollu jiċħad l-appell għaliex il-piż tal-prova hu tiegħu (A.B. u C.D. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni, Kawża Nru. 10/50) *(fn. 28 A.B. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni, Rik. Nru. 9/04, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Ottubru 2005.)*

*Fil-każ in eżami rriżulta b'mod ċar ħafna, u dana senjatament mit-Tax Audit Report u mill-affidavit ta' Marco Borg, rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi (fn. 29 Fol. 363 sa' 580 tal-proċess) u mid-dokumenti annessi miegħu, li s-soċjetà Rikorrenti ma pprovdietx id-dokumenti kollha mitluba minnha. Mhux hekk biss, talli għal dak li jirrigwarda s-sena ta' stima 2000/sena bażi 1999, ossia is-sena ta' stima mertu ta' dawn il-proċeduri, jirriżulta li ma pprovdiet l-ebda dokument u/jew dokumentazzjoni lilha miltuba li a bażi tagħhom l-uffiċjali tat-Tax Compliance Unit setgħu jaslu għad-dħul reali tagħha tul is-sena bażi 1999. Ikkunsidrat dan il-fatt fid-dawl tal-prinċipji ġuridiċi appena ċitati jsegwi li l-uffiċjali tat-Tax Compliance Unit kienu iktar milli ġustifikati li jirrikorru għall-*audit trail *ta'* wine purchases *u għall-*audit trail *tal-*hot towels *biex waslu għat-*turnover *tas-soċjetà Rikorrenti tul is-sena bażi 1999 u konsegwentement għall-*under-declared sales *tagħha matul din l-istess sena bażi.*

*Mix-xhieda mogħtija minn Jeffrey Borg u Dion Borg li, jiġi ribadit, kienu l-uffiċjali tat-Tax Compliance Unit li għamlu t-*tax audit *fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti, u anke mix-xhieda ta' Marco Borg, rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, tirriżulta spjega dettaljata w eżawrjenti ta' kif l-imsemmija uffiċjali tat-Tax Compliance Unit waslu għall-konklużjonijiet tagħhom u in segwitu kif il-Kummissarju tat-Taxxi Interni wasal għal-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2000. Ladarba hemm tali spjega hekk eżawrjenti u dettaljata, ma hemmx dubju li jinkombi fuq is-soċjetà Rikorrenti li tipprovda li l-konklużjonijiet tat-Tax Compliance Unit huma żbaljati u li per*

*konsegwenza l-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2000 maħruġa fil-konfront tagħha mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni hija eċċessiva.*

***Audit Trail tal-inbid akkwistat mis-soċjetà Rikorrenti:*** *Mill-provi prodotti mis-soċjetà Rikorrenti u mis-sottomissjonijiet minnha avvazati, jirriżulta li hija tikkontesta l-konsiderazzjoni - o meglio l-assunzjoni - tal-uffiċjali tat-Tax Compliance Unit li 50% ta' l-inbid San Paolo kien jintuża esklussivament għat-tisjir. Is-soċjetà Rikorrenti tikkontendi li l-inbid San Paolo kollu minnha akkwistat kien jintuża esklussivament għat-tisjir.*

*Fir-rigward Michael Cauchi (fn. 30 Vide xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-4 ta' Mejju 2015, fol. 200 sa' 212 tal-proċess), Direttur tas-soċjetà Rikorrenti, in risposta għall-mistoqsija* ha naqbdu fuq din il-kwistjoni tal-inbid, inti taf li l-assessment ġiet ibbażata fuq żewġ affarijiet prinċipalment fuq l-ammont ta' inbid li inti kont tbiegħ u l-ammont ta' hot towels li inti kont tqassam. Dwar l-inbid għalxiex kien jintuża l-inbid San Paolo fir-restaurant tiegħek? *wieġeb* mija fil-mija għat-tisjir biss għaliex kien l-irħas fil-lista li nistgħu nixtru u kien prodott lokali u kellu valur tajjeb li meta tgħallih u tagħmel riduzzjoni ma jkollokx togħmiet differenti li ġejjin minn inbid ieħor bħal ma huwa Amost u hekk li kien inbid tajjeb ukoll. *In risposta għall-mistoqsijiet ulterjuri: kemm kontu tixtru fil-ġimgħa? Michael Cauchi* wieġeb jiena kont qisni nixtri average ta' ħames pakketti ta' tnax-il litru kull wieħed eżempju nieħu wieħed aħmar u erbgħa bojod. *Mistoqsi kif kien jintuża dan l-inbid huwa spjega* meta taqli t-tewma jiena minflok kont nuża l-ilma kont nuża reduction of wine minħabba t-togħma għaliex it-togħma jiena dejjem tajtha importanza, għax għalija dik hija l-ewwel u qabel kollox minħabba li l-klijent irridu jiġi lura għandi. … Inti għandek litru inbid u trid tgħallih sakemm tniżżlu 200ml, jiena l-benna rrid u t-togħma u ma nistax inqarraq u nuża l-ilma għaliex l-ilma mhux ser jgħaqqadlek. Wieħed mis-sauces famużi li konna nużaw mal-ħut kien il-Buerre Blanc li konna ngħallu l-inbid, inniżżluh, imbagħad nibbitjaw il-butir iffirżat biex jamalgama w ovvjament fil-palat huwa fin. *Spjega ulterjorment li l-inbid San Paolo kien* jidħol mal-alio e oglio għaliex mhux ser tagħmlu żejt u tewm biss u xorta konna nagħtu reduction biex toħloq dak id-daqsxejn brodu *u kien anke jintuża għas-sauces praktament kollha w anke* fil-main courses u fil-ħelu: fil-main courses kemm bħal ma nużaw shellfish fl-istarter nużaw shellfish fil-main course wkoll. Anki fil-laħam nagħmlu reduction anki għal jus li huwa għadam taċ-ċanġa naħarquh fil-forn, tgħalli dan l-għadam għal erbat ijiem kontinwament u twaqqfu biss il-ħin li tagħlaq, sakemm jinżel u jinżel kważi kważi ma nagħtuhx additives biex jgħaqad, jgħaqad fuq ix-xoffa waħdu. … Fil-ħelu eżempju konna nużawh fil-kannoli. … Għax il-kannol tradizzjonali Sqalli huwa maħdum bil-butir u inbid aħmar u hemm l-imqaret ukoll għax konna nagħtu l-imqaret mal-kafe.

*Dwar l-assunzjoni tal-uffiċjali tat-Tax Compliance Unit li 50% biss mill-inbid San Paolo kien jintuża esklussivament għat-tisjir, Michael Cauchi ddikjara:* ma nistax għaliex l-inbid kien tajjeb verament biex tgħallieh u tieħu s-sugu tiegħu imma biex nagħti xi ħaġa tajba lill-klijent jien kont immur għal xi ħaġa aktar elevata. … Kont nagħti house wine li kien jipproduċieh Adrian Attard Bezzina. … Aħmar, rosè u abjad. *Mistoqsi kemm kien jixtri inbid mingħand dan Adrian Attard Bezzina, Michael Cauchi wieġeb* konna nużawh imma ma nafx kemm għaliex gruppi u hekk house wine konna nagħtu. Kien ikun ġo flixkun partikolari għaliex kont nerfagħlu fliexken tal-Frascati għaliex kellu forma partikolari u minflok caraffe kont nippreżenta lilu għax frosted u anki jidher aktar kiesaħ *(fn. 31 Vide xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-4 ta' Mejju 2015, fol. 200 sa' 212 tal-proċess)*

*Sabiex tikkorobora dak affermat minn Michael Cauchi dwar l-użu tal-inbid San Paolo s-soċjetà Rikorrenti ressqet bħala xhieda lil Almier Dedic u lil Adrian Attard Bezzina.*

*Almier Dedic (fn. 32 Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Jannar 2015, fol. 188 sa' 194 tal-proċess) iddikjara li huwa kien jaħdem bħala waiter fir-restaurant Il Re Del Pesce mill-1993 sa' meta l-istess restaurant għalaq. Għall-mistoqsija* tista' tgħid lill-Bord x'kien il-house wine tar-restaurant jekk jogħġbok? *Almier Dedic wieġeb* house wine of the restaurant konna nservu aħmar u abjad u konna nġibu minn supplier Adrian Attard who used to do even house Limoncello for us as well u inbid abjad u aħmar. *Għall-mistoqsija ulterjuri l-inbid San Paolo x'kien irwol tiegħu fir-restaurant jekk jogħġbok? Almier Dedic wieġeb* l-inbid San Paolo we used to use mostly for cooking jiġifieri biex insajru bih għax dak it-tip ta' inbid dak iż-żmien kien ħafna cheap u kienu jużaw iktar biex isajru bih biss. … Dawk jekk niftakar sew kienu f'dawk il-kaxxi l-kbar imma dak konna nużawh biex insajru bih biss. *In risposta għall-mistoqsija* fil-lista kien jidher l-inbid San Paolo fil-wine list? *huwa* wieġeb le, fil-wine list konna nservu aħna inbejjed oħra li konna nġibu mingħand il-Marsovin u mingħand id-Delicata. Dak iż-żmien dak it-tip ta' inbid it was not even drinkable I would say. *Għall-mistoqsija* u qatt taf li ġie servut lin-nies l-inbid San Paolo fir-restaurant? *Almier Dedic wieġeb* le qatt ma ġie servut lin-nies. Aħna li konna nservu konna nservu classical wines jiġifieri.

*Adrian Attard Bezzina ddikjara* li jiena kelli winery żgħira, kelli 4 restaurants jew 5 insomma u kont inbiegħilhom l-inbid u jservuh bħala house wine fosthom Il Re Del Pesce… Għall-mistoqsija ġejt mitlub tagħmel xi riċerka biex issib xi invoices ta' dak iż-żmien li kont tbiegħ lil Michael Cauchi… *Adrian Attard Bezzina ddikjara* iva, filfatt sibt xi invoices tas-sena 2001 li kont inbiegħ lil Michael minn Il Re Del Pesce *(fn. 33 Vide xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Ġunju 2016, fol. 349 u 350 tal-proċess u*

*dokument markat Dok. "JS1" a fol. 342 sa' 344 tal-proċess) L-invoices in kwistjoni jinsabu esebiti markati Dok. "GV1" a fol. 214 sa' 234 tal-proċess.*

*Fil-fehma tat-Tribunal ix-xhieda mogħtija minn Almier Dedic u minn Adrian Attard Bezzina ma hijiex tali li sodisfaċentement tikkorobora dak affermat minn Michael Cauchi. Jibda biex jiġi osservat li Adrian Attard Bezzina ppreżenta dokumentazzjoni relattiva għas-sena 2001 u mhux għas-sena 1999, li hija s-sena bażi mertu ta' dawn il-proċeduri. Għal dak li jirrigwarda Almier Dedic, minn provi prodotti mill-Kummissarju tat-Taxxi, senjatament mid-dokumenti markati Dok. "SA1" a fol. 259 sa' 323 tal-proċess u mix-xhieda ta' Joseph Saliba (fn. 34 Vide xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Ġunju 2016, fol. 349 u 350 tal-proċess u dokument markat Dok. "JS1" a fol. 342 sa' 344 tal-proċess), rappreżentant ta' Jobs Plus, irriżulta li dan Dedic ma kienx jidher fost l-impjegati tas-soċjetà Rikorrenti tul is-sena 1999 li, jiġi ribadit, hija s-sena bażi mertu ta' dawn il-proċeduri.*

*Għalkemm is-soċjetà Rikorrenti ppruvat tiġġustifika kif Almier Dedic ġie prodott minnha bħala xhud in kwantu impjegat tagħha anke matul is-sena 1999 iżda ma kienx uffiċjalment irreġistrat bħala tali, u dana a bażi tal-allegazzjoni* li l-policy tal-Gvern u tal-ETC dak iż-żmien kienet illi min qed japplika għal status ta' refuġjat u għadu ma ħax tali status imma għandu status ta' temporary protection seta' jaħdem u ma kenitx tittieħed azzjoni legali kontra persuni li jħaddmuh, imma l-Gvern la kien jaċċetta li jagħtih permess tax-xogħol u lanqas ma kien jaċċetta taxxa jew bolla mingħandu *(fn. 35 Vide Nota tas-soċjetà Rikorrenti ppreżentata fit-3 ta' Ġunju 2016, fol. 332 u 333 tal-proċess), hija ma ressqitx prova sodisfaċenti fir-rigward. Għalkemm is-soċjetà Rikorrenti, tramite d-difensur tagħha, dehret sodisfatta bix-xhieda tar-rappreżentant ta' Jobplus Joseph Saliba mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Ottubru 2016 (fn. 36 Fol. 359 u 360 tal-proċess) u li dak minnu affermat jikkonferma l-allegazzjoni tagħha, in verità dik ix-xhieda tirreferi għall-posizzjoni fl-2002 u bl-ebda mod ma tindirizza u wisq inqas tipprova dak allegat mis-soċjetà Rikorrenti dwar il-posizzjoni kif kienet fl-1999 fir-rigward ta' persuni li kienu applikaw għal status ta' refuġjat u fl-interim kellhom status ta'* temporary protection. *Peress li t-Tribunal ma għandux konferma li dan Almier Dedic verament kien impjegat tas-soċjetà Rikorrenti fis-sena 1999, dak minnu affermat ma jistax u ma għandux jingħata l-valur probatorju li tipprova u tittenta tattribwilu s-soċjetà Rikorrenti.*

*Ma hemmx dubju li sabiex tissostanzja dak minnha affermat dwar l-użu tal-inbid San Paolo s-soċjetà Rikorrenti kien jeħtiġilha tressaq provi ferm iktar sodisfaċenti u konvinċenti minn dawk minnha effettivament imressqa, u dana iktar u iktar meta ma ssottomettiet l-ebda dokumenti u dokumentazzjoni a bażi ta' liema jista' jiġi ivverifikat bil-mod opportun l-użu li kien isir minn tali inbid u b'hekk jista' jiġi*

*determinat id-dħul tagħha tul is-sena 1999. Hawn it-Tribunal jirriafferma l-prinċipju ġuridiku ġia iktar 'l fuq ċitat li* anke jekk din il-Qorti lesta tikkonċedi illi x-xorta jew tipiċità ta' prova ma għandhiex neċessarjament u tassattivament tkun limitata għal dawk biss kompendjati fil-preċitat artikolu, (l-Artikolu 19 tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta) b'danakollu r-riljiev l-aktar fundamentali jibqa' dak **illi kwalsiasi tip ta' prova xort'oħra jeħtieġ li twassal dejjem għal liberu konvinċiment ta' min irid jiġġudika, intiż dan mhux biss bħala libertà ta' valutazzjoni tal-mezzi probatorji, ferm s'intendi l-vinkolu tal-prova legali fejn tokkorri, iżda wkoll bħala libertà tal-fonti tal-konvinċiment proprju** *(fn. 37 A.B. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni, Rik. Nru. 9.04, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Ottubru 2005. Enfasi tat-Tribunal), konvinċiment dan li t-Tribunal assolutament ma għandux a bażi tal-provi prodotti mis-soċjetà Rikorrenti.*

*Detto ciò u bla preġudizzju għal dak kollu appena osservat, jingħad illi anke jekk it-Tribunal kellu jaċċetta l-argument tas-soċjetà Rikorrenti li l-inbid San Paolo kollu kien jintuża esklussivament għat-tisjir, is-sitwazzjoni ftit li xejn kienet tinbidel. Kemm-il darba kellu jiġi applikat l-argument tas-soċjetà Rikorrenti għar-riżultanzi tat-Tax Compliance Unit is-sitwazzjoni kienet tkun is-segwenti: Inbid totali akkwistat mis-soċjetà Rikorrenti tul is-sena 1999 - 22,634; Jitnaqqas l-inbid kollu utilizzat fit-tisjir – 3,536 (ossia 1,768 x 2); Stima ta'* restaurant covers *matul is-sena 1999 -* ***19,098****. L-ammont ta'* restaurant covers *a bażi tal-konsiderazzjoni li l-inbid San Paolo kollu kien jintuża esklussivament għat-tisjir fi kwalunkwe każ jibqa' f'ammont iktar mir-riżultat ta'* restaurant covers *derivat mill-*audit trail *tal-*hot towels ***u*** *jagħti* turnover *iktar minn dak dikjarat mis-soċjetà Rikorrenti fl-*accounts *tagħha għas-sena 1999.*

*Fid-dawl ta' dan kollu appena osservat għalhekk, it-Tribunal jirribadixxi li s-soċjetà Rikorrenti ma rnexxilhiex tipprova b'mod sodisfaċenti li l-*audit trail *tal-inbid esegwit mit-Tax Compliance Unit kien wieħed żbaljat u li b'hekk ta riżultat skorrett.*

*Jeħtieġ issa jiġi trattat l-*audit trail *tal-*hot towels*, ir-riżultati ta' liema wkoll qed jiġu kontestati mis-soċjetà Rikorrenti.*

***Audit Trail tal-*hot towels *akkwistati mis-soċjetà Rikorrenti:*** *In kwantu rigwarda dan l-eżerċizzju partikolari, is-soċjetà Rikorrenti tikkontesta li kien ikollha* wastage *ta' 5% u għalkemm ma ressqitx prova dwar il-persentaġġ ta'* wastage *li effettivament kien ikollha - partikolarment fis-sena 1999 li hija s-sena bażi mertu ta' dawn il-proċeduri - waqt l-eżami ta' Jeffrey Borg u ta' Dion Borg issuġġeriet li dan il-*wastage *seta' anke kien ta' 50%. In sostenn tal-kontestazzjoni tas-soċjetà Rikorrenti Michael Cauchi, id-Direttur tas-soċjetà Rikorrenti, iddikjara:* hot towel *kien oġġett innovattiv ħafna dak iż-żmien, kien xi ħaġa li inti tikkumplimenta lill-klijent u jiena minn dejjem kont daqsxejn aktar extravagant u fejn nista' lill-klijent nagħmillu servizz, nagħmillu*

*servizz. Dan kien ikollna qisu forn żgħir u kienu jiġu lesti ippakkjati imxarbin ittella' t-temperatura w inti meta sservieh ikun jaħraq u konna nippemperjaw bih għax kellna* standard operation procedure *anki mal-waiters li no matter what kull klijent irid jieħu* hot towel *għaliex spiċċajt l-ikla u kien ikun hemm min joqgħod jgħaddi ż-żmien u jitfgħu fuq wiċċu u hekk. Għall-osservazzjoni* l-assumption li ħadu fir-rapport kien li ma' kull ikla għandek one towel per head… *Michael Cauchi ddikjara* konna nagħtu aktar, għaliex min jieħu three courses per eżempju jekk ħa tibda bis-shellfish trid tagħtih. … imma jekk wieħed kien jieħu laħam mhux sejjer lil wieħed tagħtih u l-ieħor ma tagħtihx*. Għall-mistoqsija* jiġifieri kien ikollok imwejjed fejn l-antipasto kienu jkunu parma ham u melon per eżempju u ħadd ma jieħu ħut jew shellfish? *Michael Cauchi wieġeb* varjetà, aħna magħrufin għall-ħut u qisu min ser jiġi, mhux ser jiġi jieħu parma ham mingħandi*. Għall-mistoqsija ulterjuri* eżempju jekk inti kien ikollok mejda ta' erbgħa minn nies u tnejn jieħdu parma ham bil-melon u tnejn ħadu shellfish, inti kemm kont toħroġ hot towels? *Michael Cauchi wieġeb* xorta konna nagħtu erbgħa għaliex kienet standard operation procedure. … għaliex ovvjament ma nistax lil wieħed nagħtih u lill-ieħor ma nagħtihx*… Għall-osservazzjoni tat-Tribunal* xtaqt nistaqsik jekk irrejalixxajtx li l-prattika li qed issemmi illi jagħti napkin wara kull course prattikament, hija differenti mill-prattika li niltaqgħu aħna magħha, jiġifieri l-pubbliku ġenerali meta jmur f'restaurant, *Michael Cauchi iddikjara* dak iż-żmien kien hemm livell ta' ikel differenti millum m'għadniex inservuhom. Hawn metodi differenti, minflok tuża hot towel tuża qisha tablet ixxarrabha u tikber bil-fwieħa nagħmluha aħna jiġifieri nbidel il-mod kif jieklu n-nies. Illum in-nies per prattika għaliex għadni nmexxi restaurant sa' illum stess, m'għadhomx jieklu dak l-istarter, main course u platti in between għax il-prattiċi inbiddlu ħafna u llum apparti l-hot towel aħna kellna l-cotton towel li hija dik is-sarvetta li inti tuża qabel tibda l-ikel, u ġieli anki dik kont nbiddlu darbtejn. Imma per prattika ngħidlek li x-xogħol inbidel ħafna u m'għadux bħal ma kien ħmistax-il sena ilu *(fn. 38 xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-4 ta' Mejju 2015, fol. 200 sa' 212 tal-proċess)*

*Biex tissosstanzja dak allegat minn Michael Cachia s-soċjetà Rikorrenti mill-ġdid straħet fuq ix-xhieda ta' Almier Dedic (fn. 39 Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Jannar 2015, fol. 188 sa' 194 tal-proċess) illi fir-rigward iddikjara* dawn kienu rolled ġo plastic u konna nġibu like an oven, tip ta' oven biex nitfgħu fih biex jisħnu u n-nies kienu jimsħu idejhom, però bħala hot towels jiġifieri l-użu tiegħu konna nużawh għal ħafna affarijiet jiġifieri. … per eżempju jekk isservi shellfish, ħafna restaurants jagħtu dawn it-towels biex jimsħu idejhom biss imma aħna kull bniedem li kien jiekol, mhux min jiekol shellfish, konna nagħtu lil kulħadd bil-Malti. Anke per eżempju tant konna nużawhom ġieli ppolixxjajna platti bihom jew jekk kien ikollna xi ħaġa minnhom konna nerġgħu nirritornawhom għax kienu jinxfu jew whatsoever. … aħna ngħidlek

il-verità ma konniex ngħodduhom, aħna konna nagħtu jekk inti kellek per eżempju shellfish l-ewwel course ovvja li konna se nagħtu towels imbagħad wara l-ikel ukoll. … We did not use to do the count, ma kienux precise. Jekk inti għandek erbgħa min-nies se tagħtihom ġieli erbgħa minnhom le għax we used to give I am telling you anke jiġifieri lit-tfal biex jimsħu idejhom għax inti klijent kultant in a way to have to pamper it, you are not going to see these little things saying these are six so we give them six. Ma jfissirx hekk għaliex konna nagħtu ġeneralment lil kulħadd aħna u mhux jiġifieri towels biss anke liqueurs u kafè, kollox konna hekk.

*In risposta għall-mistoqsija* jiġifieri kontu tagħtu lil kulħadd u ma' liema courses kontu tagħtuhom jekk jogħġbok? *Almier Dedic wieġeb* konna nagħtuhom ma' kull kors jiġifieri. *Għall-mistoqsija ulterjuri* anke mad-deżerta per eżempju? *huwa wieġeb* mad-deżerta ovvja għax inti bniedem ġieli juża n-napkin tiegħu u jekk dik tkun maħmuġa hawn min ma jħobbx dawn l-affarijiet u allura jgħidlek ġibli hot towel to refresh his hands and whatsoever. Ġieli n-nies kienu jitfugħhom fuq wiċċhom dawn jiġifieri. *Għall-mistoqsija tat-Tribunal li* xtaqt inkun naf meta kien ikun hemm course illi fih il-klijent ma jħammiġx idejh, kont tippreżentalu xorta n-napkin u jiġifieri n-nies kienu xorta jużaw in-napkin allavolja idejhom ma kienux ikunu maħmuġin*? Almier Dedic wieġeb* iva anke mhux dak iż-żmien biss għaliex anke llum issib ħafna nies li ma jridux napkins imma jridu dawn il-hot towels, voldieri jridu xi ħaġa to refresh their hands. Mhux kulħadd l-istess u jiddependi minn dik il-persuna li tkun qiegħda tiekol. Hemm min ma jitolbokx u hemm minn jitolbok il-ħin kollu w aħna bħala professionals I would say as a catering you have to pamper the client. Ma tistax taqbad u tgħid din ma nistax nagħtihielek jew whatsoever għax illum il-ġurnata l-klijent iħallas il-pagi tagħna w allura you have to do your best.

*Is-soċjetà Rikorrenti ressqet ukoll bħala xhud lil Chris Okoho (fn. 40 Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Ġunju 2015, fol. 242 sa' 246 tal-proċess), u dan ressqitu fil-vesti tiegħu ta' impjegat tagħha fir-restaurant Il Re Del Pesce fiż-żmien mertu ta' dawn il-proċeduri. In risposta għall-mistoqsija* kindly explain what was the procedure regarding hot towels*? Chris Okoho wieġeb* as a waiter working for Michael but because I know him is more or less classic serving clients you know. We always because it is fish and with the fish when they finish it we offer them hot towels and sometimes they will ask for more because he is so hygienic and once they finish we will pick them up and we will throw them away*. Għall-mistoqsija* at what point during a meal would you serve the hot towel? *huwa* wieġeb we serve them when they finish their main course*. Għall-mistoqsija ulterjuri* what was the policy regarding hot towels in connection with the antipasto … or the starter? *Chris Okoho wieġeb for* example we have clients who they come always all the time. I do not know should I say that

they are the totally hot towel or they like it, sometimes they come when they finish pasta they make themselves up and instead we offer them hot towels to just clean it up and that is why I say sometimes we offer more than one and two to them. *Għall-*mistoqsija and when people would have shellfish and seafood like that for a starter what was the policy regarding the hot towels please? *Chris Okoho wieġeb* we offer them the hot towels as well when they take a seafood because some of them they peel it with their hands and so we offer them hot towels to get cleaned. *Għall-mistoqsija ulterjuri* and then in that case who would you offer the hot towel to on the table? *huwa wieġeb* not on the table. If there are five or six seafood we bring them six hot towels u għall-mistoqsija and if some are having seafood and some are not what do you do about the hot towels*? wieġeb* some who doesn't have especially when there are kids because they will like it so much when we are giving them and they say give me one and we just give them one*. Għall-mistoqsijiet* so during a meal how many times usually would you offer hot towels please? *u* would you offer a hot towel with desert? *Chris Okoho wieġeb* like I said, the person, the food they order. If somebody is eating a steak or something we do not give them because it is more or less on seafood and which people eat a lot, few will go for the meat or something. … Dessert not really no. *Għall-mistoqsija ulterjuri* never or not always? *wieġeb* not never. Like I said if there are kids or somebody who messed himself up with the dessert or something we give them the hot towel just to wipe off and we put the spray and give them the hot towel to clean up.

*In kontro-eżami (fn. 41 Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Ġunju 2015, fol. 242 sa' 246 tal-proċess), għall-mistoqsija* from what you remember so it is not the case that with every course you give a hot towel right? So if there is a table of six who have a starter and main course and a dessert, you would not give that table six hot towels with the starter, six hot towels with the main course and six hot towels with the dessert right*? Chris Ohoko wieġeb it* depends on what they order for the main course*. Għall-mistoqsija ulterjuri* let us say it is mixed, three fish and three meat? *wieġeb* we offer them hot towels*. Mistoqsi lil min wieġeb lill-klijenti u mistoqsi jikkjarifika jekk hux* to those eating fish or to everyone on the table? *wieġeb* to those who order the fish. In risposta għall-mistoqsija and with dessert it was not normal to give such hot towels, right? *iddikjara* well like I said, hot towels we do not give when there are kids. I just gave an example of somebody who messed himself up with the dessert and so we give him a hot towel. *In fine għall-mistoqsija* do you remember if during this time you used to wipe plates with hot towels please? *Chris Ohoko wieġeb* no, we never wiped plates with hot towels.

*Adrian Attard Bezzina (fn. 42 Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Ġunju 2015, fol. 235 sa' 241 tal-proċess) wkoll ġie mistoqsi dwar l-użu ta'* hot towels *u għall-mistoqsija* inti kont tiekol hemmhekk darbtejn fix-xahar qed tgħidilna, għandek amment u tista' tgħidilna kif kienu jintużaw il-hot towels mal-ikel jekk jogħġbok? wieġeb hemmhekk it is a fish restaurant u speċi jekk inti per eżempju tieħu starter let us say muscles mela allura ovvjament se jġiblek hot towel għax inti tippretendih minn Il Re Del Pesce għax speċi dejjem żamm l-istess standard. Iġiblek hot towel u inti mhux toqgħod tqum, tmur il-bathroom biex taħsel idejk; inti just bil-hot towel biżżejjed. Imbagħad jekk inti terġa' tieħu let us say king prawns kien jerġa' jġiblek hot towels inti tnaddaf idejk wara li tiekol speċi. *Għall-mistoqsija ulterjuri jiġifieri* ma' kull course qed tgħid mhux hot towel wieħed għall-ikla kollha hux hekk jekk jogħġbok? *Adrian Attard Bezzina wieġeb* iva kien iġiblek hot towel ma' kull course *u għall-mistoqsija ulterjuri* u jekk inti jkollok mejda ta' 4, li wieħed biss jieħu ħut jew shellfish kif kien jiġi servut dan? Jiġifieri inti għidtilna jekk xi ħadd qed jieħu xi ħaġa hux hekk? X'kien jiġri f'każ ta' mejda mħallta jekk jogħġbok*? wieġeb* jippreżenta l-istess lil kulħadd. Kien hemm forsi min ma jużahx imma hu kien joħroġ l-istess għal kulħadd.

*Minkejja dak dikjarat mill-imsemmija xhieda t-Tribunal iqis li s-soċjetà Rikorrenti ma rnexxilhiex tipprova b'mod sodisfaċenti li hija kellha* wastage *u/jew użu ta'* hot towels *f'persentaġġ u f'ammont ferm iktar minn dak determinat mit-Tax Compliance Unit. Jibda biex jiġi osservat li għal darb'oħra s-soċjetà Rikorrenti tistrieħ fuq xhieda ta' persuna - anzi tnejn, ossia Almier Dedic u Chris Ohoko - li ma rriżultax b'mod konklussiv li verament kienu impjegati tagħha fir-restaurant Il Re Del Pesce fiż-żmien pertinenti għal dawn il-proċeduri. Fi kwalunkwe każ, anke kieku stess it-Tribunal kellu jqis li entrambe dawn ix-xhieda verament kienu jaħdmu fir-restaurant Il Re Del Pesce fis-sena 1999 u b'hekk ix-xhieda tagħhom hija attendibbli, ma jistax jonqos milli josserva d-diverġenzi f'dak minnhom dikjarat partikolarment fejn jidħol l-użu ta'* hot towels *waqt id-deżerta u għall-finijiet li jiġu* polished *il-platti. Fir-rigward jiġi ulterjorment osservat illi Michael Cauchi, li apparte li kien id-Direttur tas-soċjetà Rikorrenti fiż-żmien in kwistjoni kien ukoll ic-chef fir-restaurant Il Re Del Pesce u b'hekk preżenti fil-kċina prattikament il-ħin kollu, in eżami ma semma assolutament xejn dwar l-użu ta'* hot towels *biex jiġu* polished *il-platti u semma dan il-fatt biss wara li in kontro-eżami ġie mistoqsi* wieħed mill-impjegati tiegħek xehed ukoll li dawn kontu tnaddfu l-platti bihom, tikkonferma dan*? u wieġeb* polishing iva, peress li dawn huma sterilised ġieli ippolixjajna l-platti bihom *(fn. 43 Xhieda mogħtija in kontro-eżami waqt is-seduta tal-11 ta' Frar 2016, fol. 249 sa' 257 tal-proċess)*

*Jiġi osservat ukoll li in kontro-eżami Michael Cauchi ma baqax daqshekk enfatiku dwar l-użu tal-*hot towels *daqs kemm kien waqt l-eżami tiegħu. Għall-mistoqsija in* ħa

nistaqsik ftit dwar il-hot towels li kien hemm l-audit fuqhom tat-TCU, issa inti kont xehedt fl-4 ta' Mejju 2015 meta kont xehedt hawnhekk u kont għedt li kont tagħti hot towel ma' kull portata cioè mal-antipasto, mal-għaġin, mal-main course anke meta dawn ma kienux jinkludu ħut u ġieli anki mad-deżerta, kienet xi ħaġa normali li l-hot towels jingħataw b'din il-frekwenza? *Michael Cauchi wieġeb* jekk niftakar sewwa meta kont għedtha tal-hot towels konna anki nagħtuhom lit-tfal biex jilgħabu bihom kważi kważi. Anki xi ħadd joqgħod jiċċajta mal-ieħor, jagħmluhom fuq wiċċhom taparsi qegħdin f'xi five-star airline dawn, pjuttost ma konniex nieħdu account tagħhom dawn bħala servizz, konna nieħduha xi ħaġa li hija pampering għall-klijent. *Iżda imbagħad għall-mistoqsija sussegwenti* imma tikkonferma li kull portata kien ikollha hot towel magħha? *Michael Cauchi wieġeb* ġieli iva u ġieli le *(fn. 44 Xhieda mogħtija in kontro-eżami waqt is-seduta tal-11 ta' Frar 2016, fol. 249 sa' 257 tal-proċess).*

*In kwantu rigwarda x-xhieda ta' Adrian Attard Bezzina, din fiha nfisha ma tistax titqies bħala konferma li s-servizz li kien jingħata lilu bħala ħabib nonche fornitur tas-soċjetà Rikorrenti kien per forza u per neċessità jingħata lil kull klijent tar-restaurant. Di fatti x-xhieda mogħtija minn Michael Cachia, minn Almier Dedic, minn Chris Ohoko u minn Adrian Attard Bezzina, anke jekk kellha tittieħed bħala li tirrifletti l-użanzi tas-soċjetà Rikorrenti fiż-żmien pertinenti għal dawn il-proċeduri, xorta waħda ma hijiex suffiċjenti biex jiġi stabbilit il-quantum tal-pesentaġġ ta'* wastage *li kien hemm u l-*quantum *ta'* hot towels *effettivament utilizzati. Jiġi ribadit li l-uniku mod kif il-konklużjonijiet tat-Tax Compliance Unit fir-rigward tal-*hot towels *jistgħu jiġu sodisfaċentement kontradetti huwa billi jingħataw figuri preċiżi jew għall-inqas preċiżi kemm jista' jkun ta' dawn il-*hot towels *utilizzati fil-kors tas-servizz li kien jingħata fir-restaurant. Is-soċjetà Rikorrenti ma tistax tippretendi li l-kontestazzjoni tagħha sostanzjata b'xhieda ġenerika u mhux* b'records *u rendikonti opportuni tista' b'suċċess iġġib fix-xejn il-konsiderazzjonijiet u konstatazzjonijiet tat-Tax Compliance Unit.*

*Mix-xhieda ħareġ ċar li s-soċjetà Rikorrenti ma kenitx iżżomm rendikont ta' kemm* hot towels *kienu jintużaw fuq bażi ġornaliera u Michael Cauchi meta mistoqsi dwar ammonti kien ferm evasiv fir-risposti tiegħu. In effetti in kontro-eżami għall-mistoqsija* bejn wieħed u ieħor kemm kienu jiġu ordnati hot towels fis-sena? *huwa wieġeb* ma niftakarx u bħala numru eżatt veru ma niftakarx u nkun qed nigdeb jekk inkun qed ngħidlek numru. *Għall-mistoqsija ulterjuri* mill-investigazzjoni li għamel it-TCU mas-suppliers tiegħek jidher li kienu xi tmintax-il elf fis-sena, tikkonferma bejn wieħed u ieħor*? huwa wieġeb* onestament inkun qed nigdeb jekk nagħtik numru. *Jiġi osservat ukoll li għalkemm mill-provi prodotti mis-soċjetà Rikorrenti joħroġ li kien ikun*

*hemm ukoll ammont ta'* returns *ta'* hot towels *kull sena,* returns *li ma rriżultawx lit-Tax Compliance Unit waqt it-*tax audit*, dan il-fatt ukoll ma ġie kkoroborat bl-ebda mod, wisq inqas b'dokumentazzjoni u/jew* records *pertinenti u relattivi.*

*Fin-nuqqas ta' provi opportuni u sodisfaċenti da parte tas-soċjetà Rikorrenti li effettivament u b'mod konkret juru l-*quantum *ta'* hot towels *utilizzati mis-soċjetà Rikorrenti waqt is-sena bażi 1999 u anke l-persentaġġ ta'* wastage *li kien hemm, it-Tribunal iqis li ma jistax u ma għandux jikkonsidra l-konklużjonijiet tat-Tax Compliance Unit fir-rigward bħala żbaljati u li taw riżultat għal kollox skorrett.*

***Diskrepanzi fit-*turnover *dikjarat mis-soċjetà Rikorrenti:*** *Fit-*Tax Audit Report *l-uffiċjali tat-Tax Compliance Unit osservaw illi:* **Operational results***:* …according to the financial statements submitted, the company's turnover more than doubled during year 2000 when compared with the previous year. During year 2001 turnover decreased by almost 25% from year 2000. The fluctuations in reported turnover, especially between years 1999 and 2000, is very peculiar. One should also note the fluctuations in the gross profit mark-up, from 284% during year 1999 to 71% and 86% during years 2000 and 2001 respectively. It was not possible to check the accuracy and completeness of the cost of sales caption of the years under review, since the company did not furnish most of the information and documentation requested. The potential downscaling of turnover especially during year 1999 appears to be applicable also to the cost of sales caption of the same year. Reported net profit before taxation increased by more than 88% during year 2000 when compared to the corresponding result during year 1999. **Assessment issued by VAT Department:** The company was served with a VAT assessment in December 2000 covering the period January 1999 to May 2000 in connection with under declared sales of Lm39,345. During the same assessment taxpayer was granted additional net taxable inputs of Lm8,770. The company had accepted the assessment, and during the preliminary meeting, Mr. Cauchi claimed that at that time he did not have the time and the resources to contest the assessment. When analysing the above results, one must highlight the assessment issued by the VAT Department during year 2000 covering the period from 1 January 1999 to 31 May 2000. Mr. Cauchi had instantly agreed to the assessment and signed the VAT assessment form on 27 December of the same year within 4 days since it was issued. It is evident that the VAT assessment may have strongly influenced the company to report more realistic financial results for year 2000 and subsequent years. It appears that the department had based its audit exclusively on the calculated markup of wine and fish. The resulting mark-up was then applied to the food and beverage purchases to identify under declared sales. The mark-up on fish was estimated by applying specific weight of fish per dish

however purchases of food were only derived from the invoices provided by the company. As already mentioned Mr. Cauchi verbally confirmed that fish was generally bought directly from fishermen and no formal documentation was raised. Similarly, it appears that the quantities of beverages on which the mark-up was applied was established on the basis of invoices provided by the company. Thus the assessment originally issued by the department may not have covered all the actual food and beverages inputs *(fn. 45 Paras. 1.4 u 1.5 tat-Tax Audit Report, fol. 31 u 32 tal-proċess)*.

*Is-soċjetà Rikorrenti tittenta tiġġustifika u tispjega d-diskrepanzi riskontrati mill-uffiċjali tat-Tax Compliance Unit bejn it-*turnover *dikjarat għas-sena 1999 u dak dikjarat għas-sena 2000 tramite x-xhieda ta' Michael Cauchi (fn. 46 Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Mejju 2015, fol. 200 sa 212 tal-proċess) illi ddikjara li:* ftaħt 6th August 1990 u ħadt over Il Re Del Pesce u kont għadni zgħir dak iż-żmien u speċi n-nies ma kienux għadhom jafuni u peress li kont għadni daqsxejn maqtugħ minn kulħadd kont nivvinta u nara x'nagħmel biex inġib lin-nies. Waħda minnhom kienet television u riċetti fuq il-gazzetti. Imbagħad iltqajna ma' prodott li għal dak iż-żmien kien daqsxejn expensive li kien iż-żejt taż-żebbuġa u fl-1995 bdejna nieħdu l-klijentela regolari u bdejna nsiru daqsxejn aktar magħrufin għal aktar prodott fin u daqsxejn aktar elevat minn restaurants oħrajn. … Għalaqt fl-2002 imma fit-2000 konna diġà bdejna naqilgħu t-tumakki għal isfel għaliex Wied il-Għajn kien litteralment rebus, kienu qegħdin jaqilgħu t-toroq kollha u dak iż-żmien kont nitla' Bir id-Deheb inġib in-nies Sunday Lunch biex bniedem nurih minn fejn għandu jitla' minn naħa taż-Żejtun kont nitla' bil-karozza jien u inniżżilhom jien jiffollowjawni biex ngħallimhom it-triq tan-naħa taż-Żejtun għaliex kulħadd kien imdorri jinżel minn naħa ta' Ħaż-Żabbar. Id-daħla tal-Magħluq għamluha one way u din għamluha one way fil-weekends. … Konna bdejna ġià inmajnaw għalhekk kont xtaqt nagħmel loan jiena. … Li ġara huwa li jiena kelli accountant jew book keeper Joe Galea li mititlu l-mara tiegħu, għax fi żmien tlett ġimgħat imbarmet u qalli li ma setgħax ikompli minħabba li ried jitla' l-Ingilterra magħha għaliex kellha każ ta' lukemia u jiena għamilt qisu dawk il-ħames xhur mingħajr accountant, forsi ma tajtx importanza biżżejjed minħabba ir-returns tal-VAT għax dak iż-żmien ma kienux jagħfsu u ma hemmx regoli bħal ma hemm illum ħmistax-il sena wara. Imbagħad sibt accountant li ltqajt miegħu f'okkażjoni u qalli li għandu jiġi jagħmilli x-xogħol hu*. Għall-mistoqsija* min kien dan l-accountant*? Michael Cauchi wieġeb* Louis Padovani u lil Louis Padovani għedtlu li hemm sitt xhur b'lura u qalli biex ma nikkonfondix issa nagħmluhom u naħseb ma kien għamel xejn għax jiena ħa nitkellem straight xogħoli l-aktar li kien fil-kċina għax dan kien jiġi fil-kċina u jgħidli ffirmali dan u hekk. *Għall-mistoqsija* x'kienet il-kwistjoni tar-refurbishment? *Michael Cauchi wieġeb* fuq ir-refurbishment konna għamilna break

down ta' x'hemm bżonn, il-pros u l-cons ta' x'irrid nagħmel biex nerġa' nqajjem il-business u waħda mill-affarijiet li kkropjat kienet li nbiddlu ftit l-ambjent. L-ambjent bejn wieħed u ieħor kien jiswa Lm65,000 to Lm70,000 u dan ħareġ bil-famuża ideja li nieħdu loan imbagħad il-loan damet ma ġiet. *Għall-mistoqsija* biex tieħdu l-loan x'għamiltu? *wieġeb* applikali hu mal-bank u għollieli is-sales. *Mistoqsi x'ried iffiser b'dan Michael Cauchi* ddikjara jekk jiena fis-sena ta' qabel kont għamilt bejgħ eżempju ta' mitt elf għall-mod tal-kelma, qabad u għamilli mija u tmenin elf biex il-bank meta mmur għandu jgħid għandu mnejn iħallasha dan, jiena ma kontx naf b'dawn l-affarijiet verament, I'm a chef by profession. *Mistoqsi* x'jiġifieri ma kontx taf b'dawn l-affarijiet? Ma spjegahomlokx? *Michael Cauchi wieġeb ma* spjegahomlix u ma qallix li jekk ħa tagħmel hekk ħa jkollok hekk, jiena bħala bniedem professjonist kont nippreferi kieku qalli li biex nagħmlu din il-loan trid tasal hawn, hawn u hawn għax hu ħallieni fil-għama u l-aqwa li nġibu l-loan u nibdew ir-refurbishment. *Għall-mistoqsija* jiġifieri minn sena għall-oħra l-accountant qabad u għollielek is-sales? *wieġeb* għollihomli b'xi eighty thousand *u għall-mistoqsija ulterjuri* u x'kienet il-konsegwenza ta' din il-ħaġa*? wieġeb* ovvjament l-investigazzjoni*. Michael Cauchi spjega li* l-investigazzjoni kienet fuq is-sena ta' qabel għaliex is-sena ta' qabel iddikjarajt mod u s-sena ta' wara ddikjarat mod ieħor u b'hekk ġiet l-investigation. *Għall-mistoqsija* ma staqsejtux kif ser tiddikjaraw bażikament dak li mhux minnu*? wieġeb* illum forsi per esperjenza nifhimha aktar il-biċċa tax-xogħol imma dak iż-żmien ma kontx nifhimha, moħħi aktar kien kif ser noħloq platt u kif ser nagħmel id-deżerti, jiena għalija l-qassis tiegħi huwa l-accountant għax hu jieħu ħsiebi hux. Jiena biex nagħmel dak ix-xogħol jiena kont nagħmlu jien u mbagħad immur għand awditur u jiffirmali kieku ridt, imma jiena ridt l-affarijiet kif suppost għax kieku kont naf jiena mhux ser inħallieh żgur.

*In kontro-eżami (fn. 47 Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Frar 2016, fol. 249 sa' 257 tal-proċess) mistoqsi* ħa nistaqsik fuq is-sena ta' wara li kienet ukoll mertu ta' investigazzjoni tat-TCU cioè fis-sena 2000 u l-kumpannija kienet iddikjarat bejgħ ta' Lm236,208, tikkonferma dan l-ammont*? Michael Cauchi wieġeb* ma niftakarx bl-amment imma jekk nara l-karti niftakar*. Ikkonfrontat ulterjorment* imma skont l-accounts tiegħek dan huwa dak li inti ddikjarat, *huwa ddikjara* kien jikteb l-accountat u jiena niffirmalu biex nitkellem straight*. Mistoqsi mill-ġdid dwar ir-*refurbishment *tar-restaurant Michael Cauchi ddikjara* aħna ridna nagħmlu refurbishment lill-post għaliex ovvjament għaddew għaxar snin u kien hemm bżonn ta' ċertu refurbishment. Konna ddiskutejna u ħareġ bl-ideja li rridu ngħollu is-sales. Din niftakarha ċara imma wara li skoprejt x'ġara u ma ġarax ngħid li din kienet banalità għalija ta' awditur li jagħmillek dawn l-affarijiet u ma jagħtikx il-parir komplut. … infatti qatt ma saret u hu qalli li jiena ffirmajtlu għaliha din il-biċċa xogħol u nerġa' ngħid taħdem fil-kċina mod

u meta għandek bniedem li qisu il-qassis tiegħek u jgħidlek "ismagħni din hi l-verità, iffirmali għaliha" jiena kont b'għajnejja magħluqin u kont niffirma għaliex ma kontx niċċekkja x-xogħol li għamilli l-awditur għax he's my man u fl-aħħar mill-aħħar irrid noqgħod fuq il-pariri professjonali tiegħu. Il-loan qatt ma saret u r-refurbishment qatt ma sar għaliex ovvjament fl-2001/2002, kienet għalqet il-Jerma jew kienet waslet biex tagħlaq u kienet vina importanti għalina bit-turiżmu li kien jiġi għalina, tikkunsidra l-istrateġija tal-post fejn kont naħdem jiena jew fejn kont immexxi jiena kienet ends world jiġifieri trid tgħaddi minn quddiem kulħadd imbagħad tiġi add insult to injury għalqu t-toroq kollha minn naħa tal-bajja ta' Marsaskala u bilfors trid tgħaddi minn routes oħra li allura telfuni ħafna xogħol u għedt ir-refurbishment għalfejn ser nagħmlu. Il-kera togħla togħla, is-sid qatt ma ried jirranġa li forsi jerġa' jmur lura forsi ninnegozjaw il-kera għax dejjem ried il-post lura f'idejh u l-loan ma saritx. *Għall-*mistoqsija l-audited accounts ħarġu li kien hemm a true and fair view jiġifieri li dak li hemm fil-kotba huwa dak li huwa ġust, u dawn ġew iffirmati anki minnek. Dawn kien hemm ftehim mal-accountant biex jiġu ffirmati anki figuri li huma fittizji*? Michael Cauchi wieġeb* milli nista' nara jiena, l-accountant dejjem jikteb u jiena kont niffirma, jiġifieri eżattament jekk iffirmajt xi ħaġa li taħdem kontra tiegħi qas naf biha għax hawn dejjem jgħatti daharhom this is my humble opinion li lili biex frankali nagħmel biċċa xogħol biex jikkuntentani għamel din imma wara x'ser jiġri.

*Hawn ukoll it-Tribunal ma jqisx li s-soċjetà Rikorrenti rnexxielha tiġġustifika b'mod sodisfaċenti d-diskrepanza bejn it-*turnover *dikjarat għas-sena 1999 u t-*turnover *dikjarat għas-sena 2000 u b'hekk tipprova li fl-aħħar mill-aħħar l-investigazzjoni tat-Tax Compliance Unit fil-konfront tagħha kienet b'xi mod żvijata bil-konsegwenza għalhekk li l-konklużjonijiet minnha raġġunti huma skorretti. Ix-xhieda ta' Michael Cauchi waħdeha ma hijiex suffiċjenti biex tiġġustifika d-diskrepanza notevoli li kien hemm bejn it-*turnover *dikjarat għas-sena 1999 u t-*turnover *ferm iktar għoli dikjarat għas-sena 2000. Huwa wisq faċli li jiġi allegat aġir irresponsabbli u skorrett - jekk mhux addirittura kriminali - da parte ta' terza persuna, senjatament da parte ta' Louis Padovani, mingħajr ma' dan l-istess Louis Padovani tressaq bħala xhud biex hu stess u di prima mano jagħti xhieda tal-aġir tiegħu u tad-dikjarazzjonijiet magħmula minn u għas-soċjetà Rikorrenti.*

*It-Tribunal huwa tal-fehma li bil-manuvra li ma tressaqx lil Louis Padovani bħala xhud is-soċjetà Rikorrenti ma għamlet xejn għajr li tapprofitta ruħha minn dak provdut fl-Artikolu 34(4) tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament fit-tielet proviso tal-imsemmi subartikolu tal-Liġi, li appuntu jipprovdi li*: It-Tribunal ikollu is-setgħa li jsejjaħ kull persuna sabiex tixhed jew iġġib kotba jew dokumenti oħra quddiemu izda: … (iii) ħlief fuq it-talba tal-appellant, ebda persuna ma tkun eżaminata dwar xi tagħrif

li jolqot lill-appellant meta dwar dak it-tagħrif l-imsemmija persuna tkun marbuta bis-sigriet professjonali. *Peress illi a tenur tal-Artikolu 3 tal-Att dwar is-Segretezza Professjonali, Kap. 377 tal-Liġijiet ta' Malta,* accountants *u awdituri huma marbuta bis-sigriet professjonali, Louis Padovani seta' jitressaq bħala xhud biss mis-soċjetà Rikorrenti u minn ħadd iktar, lanqas mit-Tribunal, b'dana għalhekk li fin-nuqqas tax-xhieda diretta tiegħu l-veraċità ta' dak allegat minn Michael Cauchi ma setgħetx tiġi kkonfermata.*

*Detto ċio però, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ it-Tribunal huwa tal-fehma li in-nuqqas li jitressaq Louis Padovani bħala xhud għall-konferma ta' dak allegat minn Michael Cauchi ma huwa ta' żvantaġġ għal ħadd ħlief għas-soċjetà Rikorrenti stess in kwantu tali nuqqas ma jagħmel xejn għajr ikompli jdgħajjef il-posizzjoni ġià dgħajfa w insostenibbli tagħha in kwantu hija bbażat il-kontestazzjonijiet tagħha esklussivament fuq xhieda mingħajr is-support relattiv u neċessarju ta' dokumenti u dokumentazzjoni fir-rigward. Għalkemm is-soċjetà Rikorrenti ppruvat tissosstitwixxi xhieda ta' Louis Padovani billi tressaq dokument fl-apparenza ppreparat minn John Zammit - Dok. "GV1" a fol. 339 sa' 341 tal-proċess - flimkien ma' kalkoli markati Dok. 'GV2" esebiti a fol. 345 sa' 348 tal-proċess, din il-manuvra ma tistax tirnexxi għar-raġuni li t-Tribunal ma jistax joqgħod fuq dokumenti li ma humiex u baqgħu ma ġewx ikkonfermati minn min irrediġihom. Din l-osservazzjoni issib konferma fis-sentenza fl-ismijiet* ***Anthony Chircop et noe v. John Zammit noe et, Ċitaż. Nru. 1136/94*** *deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Novembru 2002, fejn appuntu l-Qorti osservat* illi l-Qorti ma tistax toqgħod fuq dokument li mhux konfermat minn min irrediġieh, li għandu jkun ukoll passabbli għall-kontro-eżami (ara "Camilleri noe v. Mifsud noe" deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fl-24 ta' Mejju 1983 u "Xuereb v. Callus" deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-19 ta' Ottubru 1983.

*Jiġi in fine osservat illi għalkemm Michael Cauchi pprova jiġġustifika kollox billi jgħid li hu kien iktar moħħu fil-kċina milli fl-affarijiet finanzjarji tas-soċjetà Rikorrenti u li kien iħalli lil dan Louis Padovani jmexxih mingħajr ma jagħti wisq każ ta' dak li kien, skontu, qed jiġi mitlub jiffirma, din il-'ġustifikazzjoni' ma hija xejn għajr skuża għalkollox dagħjfa da parte tiegħu. Fiż-żmien in kwistjoni Michael Cauchi ma kienx biss* chef patron *tar-restaurant Il Re Del Pesce imma kien ukoll Direttur tas-soċjetà Rikorrenti, kariga din li ġġorr magħha responsabiltajiet importanti u serji kemm fil-konfront tal-istess soċjetà kif ukoll fil-konfront, fost oħrajn, tal-Kummissarju tat-Taxxi. F'tali rigward issir referenza għall-Artikolu 7*(1) u (2) tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi, u dan anke fiż-żmien pertinenti għal dawn il-proċeduri: (1) Il-manager jew funzjonarju prinċipali ieħor ta' kull korp ta' persuni jkun responsabbli għall-għemil ta' dawk l-atti, affarijiet u ħwejjeġ kollha illi huma meħtieġa li jsiru bis-saħħa tal-Atti dwar

it-Taxxi għall-istima tat-taxxa ta' dak il-korp u għall-ħlas tat-taxxa. (2) Kull funzjonarju prinċipali bħal dak għandu jħallas it-taxxa mill-proprjetà tal-imsemmi korp ta' persuni. Iżda hu jkun suġġett għall-ħlas personalment u in solidum ma' kull persuna oħra responsabbli għaliha, jekk f'xi żmien wara l-1 ta' Jannar 1979, hu jkollu fil-pussess tiegħu jew taħt il-kontroll tiegħu xi proprjetà tal-korp ta' persuni li setgħet tintuża biex titħallas it-taxxa li tkun dak iż-żmien dovuta.

*Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk it-Tribunal iqis li l-appell tas-soċjetà Rikorrenti mil-Likwidazzjoni ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tagħha mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni għas-sena ta' stima 2000 ma huwiex ġustifikat u b'hekk ma jistħoqqx li jiġi milqugħ."*

## L-Appell

6. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fil-5 ta' Novembru, 2019 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex:

*"...tannulla, tħassar u tirrexxindi s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva nhar is-17 ta' Ottubru 2019 fl-ismijiet* Il Re del Pesce Limited vs Kummissarju tat-Taxxi Interni (*Rikors Numru 100/2011 VG) u dan billi tilqa' l-appell tas-soċjetà rikorrenti mil-Likwidazzjoni ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tagħha mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni għas-sena ta' stima 2000 u l-eċċezzjonijiet imressqa mill-Kummissarju imtimat, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess intimat appellat".*

Is-soċjetà appellanta tgħid li l-aggravji tagħha huma s-segwenti: (i) l-oneru tal-prova li l-istima maħruġa mill-Kummissarju appellat hija eċċessiva, għandu jkun dak rikjest fl-ambitu ta' proċeduri ċivili; (ii) it-Tribunal aċċetta d-difiża tal-Kummissarju appellat, li sostna li hija naqset milli tipprovdi d-dokumentazzjoni mitluba; (iii) ma kinitx ġusta d-deċiżjoni tat-Tribunal li jiskarta għal kollox ix-xhieda ta' Almier Dedic u ta' Adrian Attard Bezzina; u (iv) it-Tribunal

m'apprezzax ir-raġuni li offra d-direttur tagħha fejn f'sena partikolari d-dħul tagħha kien kważi irdoppja.

**Ir-Risposta tal-Appell**

7. Il-Kummissarju appellat wieġeb fis-26 ta' Novembru, 2019 fejn talab lil din il-Qorti sabiex tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, u tiċħad l-appell tas-soċjetà appellanta għal dawk ir-raġunijiet li huwa jfisser fit-tweġiba tiegħu. Preliminarjament huwa ssolleva li l-appell odjern huwa irritu u null għaliex huwa msejjes fuq apprezzament ta' fatti li għamel it-Tribunal, u mhux fuq punt ta' liġi kif jirrikjedu s-subartikoli 35(5) u 37(1) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta).

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti qabel xejn ser tikkonsidra din is-sottomissjoni li qed jagħmel il-Kummissarju appellat, fejn jikkontendi li d-deċiżjoni appellata hija msejsa kollha kemm hi fuq l-apprezzament tal-fatti li wettaq it-Tribunal. Din il-Qorti tgħid li l-Kummissarju appellat għandu raġun. Tibda billi tosserva li s-soċjetà appellanta mill-ewwel tittratta l-mertu tal-każ billi turi fejn hija ma kinitx qegħda taqbel mad-deċiżjoni appellata, tant hu hekk li fl-ebda sottomissjoni tagħha fir-rigward ta' kull wieħed mill-aggravji tagħha ma tirrileva xi punt legali, iżda biss punti fattwali. Għalhekk l-ewwel aggravju għalkemm is-soċjetà appellanta tgħid jirrigwarda l-kwistjoni tal-oneru tal-prova, fil-fatt jirrigwarda l-konsum tal-inbid fir-ristorant ġestit minnha, u konsegwentement in-numru ta' *covers* serviti fl-

imsemmi stabbiliment. Ċertament l-argumenti hawnhekk tas-soċjetà appellanta bl-ebda mod ma jindirizzaw xi punt ta’ liġi. It-tieni aggravju tagħha jirrigwarda d-deċiżjoni tat-Tribunal li jaċċetta d-difiża tal-Kummissarju appellat li hija kienet naqset milli tipprovdi d-dokumentazzjoni mitluba. Is-soċjetà appellanta tgħaddi mill-ewwel sabiex tispjega r-raġuni għal dan in-nuqqas, fejn tiddikjara saħansitra li hija kienet fl-impossibilità li tipproduċi dak mitlub minnha. Għal darb’oħra din il-Qorti tgħid hawnhekk ma jista’ ikun hawn l-ebda dubju li l-aggravju tas-soċjetà appellanta jolqot l-apprezzament tal-provi magħmul mit-Tribunal, u ma jikkunsidra l-ebda punt ta’ liġi. It-tielet aggravju huwa mressaq bl-istess mod, fejn is-soċjetà appellanta tesprimi l-fehma li t-Tribunal kien inġust magħha meta m’aċċettax ix-xhieda ta’ Almier Dedic u ta’ Adrian Attard Bezzina, hekk kif hija kienet tinsab f’diffikultà kbira li tirrikostruwixxi kwadru ta’ dak li kien ġara kważi għoxrin sena qabel. Terġa’ u tgħid, hija mhiex qegħda tirrileva xi punt ta’ liġi, iżda dejjem qegħda tibqa’ targumenta fuq kif ġew apprezzati l-provi mit-Tribunal. L-istess għal dak li jirrigwarda r-raba’ aggravju tagħha, fejn tesprimi d-diżappunt tagħha bil-mod li tallega li t-Tribunal m’apprezzax ir-raġuni kif imfissra mid-direttur tagħha li għal sena partikolari d-dħul dikjarat tagħha kien kważi ġie d-doppju.

10. Għaldaqstant il-Qorti ssib li l-appell odjern huwa rritu u null.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-appell tas-soċjetà appellanta, filwaqt li tiddikjarah irritu u null.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu skont is-sentenza appellata, u dawk tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**